# Proċedura
# tal-Privatezza tad-*Data*

# Anzjanità Attiva
# u Kura fil-Komunità

Ir-regoli ġenerali tal-Protezzjoni tad-*Data* (EU) 2016/679 (GDPR) u l-Att dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (Kap 586) jirregola l-mod kif tiġi proċessata l-informazzjoni sew jekk miżmuma b'mod elettroniku jew bil-miktub. Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità huwa attrezzat biex jimxi mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-*Data* kif stabbilit fl-istess leġiżlazzjoni tal-Protezzjoni tad-Data.

**L-għan li għalih tinġabar id-*Data***

Anzjanità Attiva u Kura fil Komunità jiġbor u jiproċessa d-data sabiex jipprovdi s-servizzi lill-persuni li jikwalifikaw skond il liġijiet preżenti. Kull informazzjoni tinġabar u tiġi proċessata skond il-liġi tal-Protezzjoni tad-*Data*. L-informazzjoni miġbura tista' tingħata b'mod elettroniku jew manwali, lil dipartimenti jew awtoritajiet li għandhom x'jaqsmu direttament mal-funzjonijiet tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, u sabiex tivverifika l-informazzjoni mogħtija minnek hix tajba skond it-talba li tkun għamilt. Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità ma jgħaddix l-informazzjoni lil terzi persuni jekk mhux obbligat bil-liġi.

**Riċevituri tad-data**

Persuni li jaħdmu mal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità li għandhom bżonn l-informazzjoni personali meħtieġa tal-klijent sabiex tiġi proċessata t-talba tiegħu. L-informazzjoni tista' tgħaddi lil terzi persuni kif awtorizzat bil-liġi.

**Id-drittijiet tiegħek**

Għandek dritt tagħmel talba bil-miktub biex tiġi mgħarraf x'informazzjoni għandu dwarek, u biex tiġi rranġata jew imħassra jekk l-informazzjoni tkun ħażina.

L-Att dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, u leġislazzjonijiet oħra relatata, jistabbilixxu proċeduri formali kif jittrattaw talbiet minn persuni li għandu informazzjoni dwarhom. Il-persuni kollha li għandu l-informazzjoni dwarhom għandhom dritt li jkollhom aċċess u ikunu jafu x'informazzjoni personali qed tinżamm mill-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, kemm b'mod eletroniku kif ukoll manwalment fil-fajl. Talba għall-aċċess dwar informazzjoni personali mill-individwi għandha tintbgħat b'imejl lil dpaacc.mfcs@gov.mt jew permezz ta' ittra ndirizzata lill-Kontrollatur tad-*Data* tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità. Dettalji ta' identifikazzjoni bħal numru tal-karta tal-identità, isem u kunjom, u indirizz għandhom jintbgħatu mat-talba. F'każ li niltaqgħu ma' diffikultà ta' identifikazzjoni jistà jkun tiġi mitlub tipprovdi dokument ta' identifikazzjoni.

Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità jieħu azzjoni fl-iqsar żmien possibbli.

F'każ li ma tkunx sodisfatt bil-mod kif ġiet ittrattata t-talba tiegħek għandek dritt tagħmel oġġezzjoni lill-Kummissarju tal-Protezzjoni tad-*Data*, li d-dettalji tiegħu issibhom aktar l-isfel.

**Il-Kontrollatur tad-*Data*** huwa l-Kap Eżekuttiv tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, li tista' tagħmel kuntatt miegħu:

Fuq l-indirizz : Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità
Binja FXB,
Triq l-Imdina,
Ħal-Qormi QRM 9014

Numru tat-telefon: 22788800 Imejl: renzo.de-gabriele@gov.mt

**L-uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data*** tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità huwa s-Sur Simon Vella li tista' tagħmel kuntatt miegħu:

Fuq l-indirizz **:** Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità
Binja FXB,
Triq l-Imdina,
Ħal-Qormi QRM 9014

Numru ta' telefon: 22788263 Imejl: simon.vella@gov.mt

**Il-Kummissarju tal-Informazzjoni u Protezzjoni tad-*Data*** tista' tagħmel kuntatt miegħu:

Fuq l-indirizz : Airway House, it-Tieni Sular,
Triq il-Kbira,
Tas-Sliema SLM 1549

Numru tat-telefon : 23287100 Imejl: idpc.info@gov.mt